

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Mercantil de A Coruña (Spanja) fit-28 ta' Ġunju 2011 — Germán Rodríguez Cachafeiro u María de los Reyes Martínez-Reboredo Varela-Villamor vs Iberia, Líneas Aéreas de España SA

(Kawża C-321/11)

(2011/C 282/04)

Lingwa tal-kawża: *l-Ispanjol*

Qorti tar-rinviju

Juzgado de lo Mercantil de A Coruña

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Germán Rodríguez Cachafeiro u María de los Reyes Martínez-Reboredo Varela-Villamor.

Konvenuta: Iberia Líneas Aéreas de España S.A.

Domanda preliminari

Jista' jiġi kkunsidrat li l-kunċett ta' meta persuni ma jitħallewx jitlegħu msemmi fl-Artikolu 2(j) flimkien mal-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004, jinkludi s-sitwazzjoni fejn il-kumpannija tal-ajru li tiżgura t-trasport ma tħallix persuna titla' minħabba minħabba dewmien fl-ewwel titjira inkluża fil-biljett minħabba tort tal-kumpannija u li din tipprevedi b'mod żbaljat li l-passaġġieri mhux se jaslu fil-ħin għat-tieni titjira, u għalhekk tippermetti li l-postijiet ta' dawn il-passiġġieri fuq it-tieni titjira jittieħdu minn passiġġieri oħra?

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Ġunju 2011 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tad-Danimarka

(Kawża C-323/11)

(2011/C 282/05)

Lingwa tal-kawża: *id-Daniż*

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: I. Hadjiyiannis u U. Nielsen, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju tad-Danimarka

Talbiet

— tikkonstata li, il-fatt li ma ppubblikax il-pjanijiet definiti ta' ġestjoni tad-distrett idrografiku mhux aktar tard mit-22 ta' Diċembru 2009 u ma bagħtx kopja tagħhom lill-Kummissjoni mhux aktar tard mit-22 ta' Marzu 2010 ⁽¹⁾, u f'kull każ li jinforma lill-Kummissjoni bihom, ir-Renju tad-Danimarka naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, u

— tikkundanna lir-Renju tad-Danimarka għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

L-Artikolu 13(1), (2), u (6) tad-Direttiva jipprovdu li l-Istati Membri għandhom jadottaw id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ruħhom mad-Direttiva mhux aktar tard mit-22 ta' Diċembru 2009 u għandhom jibgħatu kopja tagħhom lill-Kummissjoni mhux aktar tard mit-22 ta' Marzu 2010.

Peress li ma għandhiex informazzjoni oħra li tippermettilha tikkonstata li l-miżuri neċessarji ittieħdu, il-Kummissjoni jkollha tiddeuċi li d-Danimarka għadha ma adottatx id-dispożizzjonijiet tagħha u b'hekk naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont id-Direttiva.

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 5, p. 275.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-A Magyar Köztársaság Legfelsőbb Bírósága (l-Ungerija) fid-29 ta' Ġunju 2011 — Gábor Tóth vs Nemzeti Adó- és Vámhivatal Észak-magyarországi Regionális Adó Főigazgatósága, bħala s-suċċessur ta' Adó- és Pénzügyi Ellenőrzési Hivatal Hatósági Főosztály Észak-magyarországi Kihelyezett Hatósági Osztály

(Kawża C-324/11)

(2011/C 282/06)

Lingwa tal-kawża: *l-Ungeriż*

Qorti tar-rinviju

A Magyar Köztársaság Legfelsőbb Bírósága

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Gábor Tóth

Konvenut: Nemzeti Adó- és Vámhivatal Észak-magyarországi Regionális Adó Főigazgatósága, bħala s-suċċessur ta' Adó- és Pénzügyi Ellenőrzési Hivatal Hatósági Főosztály Észak-magyarországi Kihelyezett Hatósági Osztály

Domandi preliminari

(1) Il-prinċipju ta' newtralità fiskali (Artikolu 9 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ⁽¹⁾) huwa miqsur minn interpretazzjoni legali li tostakola lill-persuna li lilha tinħarġilha fattura milli teżerċita d-dritt tagħha għal tnaqqis f'sitwazzjoni fejn l-operatur li ħariġha kellu l-liċenzja kummerċjali tiegħu rtirata mill-awtorità municijali qabel it-tweqqif tal-kuntratt fl-intier tiegħu jew qabel il-ħruġ tal-fattura?

- (2) Fid-dawl tal-prinċipju ta' newtralità fiskali, il-fatt li l-operatur individwali li ħareġ il-fattura ma ddikjarax il-ħaddiema impjegati minnu (li, għalhekk, jaħdmu fl-"ekonomija moħbija"), u l-fatt li, għalhekk, l-awtorità fiskali kkonstatat li l-operatur inkwistjoni "ma għandu ebda ħaddiema ddikjarati", jostakolaw lill-persuna li lilha nħarġitilha din il-fattura milli teżerċita d-dritt tagħha għal tnaqqis?
- (3) Jista' jingħad li l-persuna li lilha tinħarġilha l-fattura aġixxiet b'nuqqas ta' attenzjoni jekk ma tkunx ivverifikat jekk hemmx relazzjoni legali bejn il-ħaddiema impjegati fuq il-post tax-xogħol u l-persuna li toħroġ il-fattura jew jekk din tal-aħħar issodisfatx l-obbligi tagħha dwar id-dikjarazzjoni tat-taxxa jew dwar dawn il-ħaddiema? Jista' jingħad li tali aġir jikkostitwixxi fattur oġġettiv li juri li l-persuna li nħarġitilha l-fattura kienet taf jew kien imissha taf li kienet qiegħda tieħu sehem fi tranżazzjoni li tinvolvi l-evazzjoni frawdolenti tal-VAT?
- (4) Fid-dawl tal-prinċipju ta' newtralità fiskali, il-qorti nazzjonali tista' tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi msemija meta l-evalwazzjoni globali tagħha twassalha għall-konklużjoni li t-tranżazzjoni ekonomika ma seħħitx bejn il-persuni indikati fuq il-fattura?

(¹) ĠU L 347, p. 1.

Rikors ippreżentat fit-30 ta' Ġunju 2011 — Il-Kummissjoni vs Is-Slovakkja

(Kawża C-331/11)

(2011/C 282/07)

Lingwa tal-kawża: l-Islovakk

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Marghelis u A. Tokár, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Slovakka

Talbiet tar-rikorrenti

— tiddikjara li, billi ppermettiet il-funzjonament tal-landfill Žilina — Považský Chlmec mingħajr pjan ta' kondizzjonament għas-sit u mingħajr ma ġiet adottata deċiżjoni definitiva dwar il-kwistjoni jekk l-imsemmija landfill tistax tkompli bl-attività tagħha abbażi ta' pjan ta' kondizzjonament approvat, ir-Repubblika Slovakka naqset milli twestaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 14(a), (b) u (ċ) tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE, tas-26 ta' April tal-1999, dwar ir-rimi ta' skart f' terraferma [landfill] (¹).

— tikkundanna lir-Repubblika Slovakka għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-landfill Žilina — Považský Chlmec qed titħaddem mingħajr ma għe ppreżentat pjan ta' kondizzjonament tagħha u mingħajr ma għew approvati l-eventwali aġġustamenti abbażi tal-pjan ta' kondizzjonament. Barra minn hekk, il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li, billi ppermettiet il-funzjonament tal-landfill Žilina — Považský Chlmec mingħajr pjan ta' kondizzjonament tas-sit u mingħajr ma għet adottata deċiżjoni definitiva dwar il-kwistjoni jekk l-imsemmija landfill tistax tkompli bl-attività tagħha abbażi ta' pjan ta' kondizzjonament approvat, ir-Repubblika Slovakka naqset milli twestaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 14(a), (b) u (ċ) tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE, tas-26 ta' April tal-1999, dwar ir-rimi ta' skart f' terraferma [landfill].

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 4, p. 228

Appell ippreżentat fid-29 ta' Ġunju 2011 minn Lancôme parfums et beauté & Cie kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tal-14 ta' April 2011 fil-Kawża T-466/08 — Lancôme parfums et beauté & Cie vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), Focus Magazin Verlag GmbH

(Kawża C-334/11 P)

(2011/C 282/08)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Lancôme parfums et beauté & Cie (rappreżentanti: A. von Mühlendahl, J. Pagenberg, avukati)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), Focus Magazin Verlag GmbH

Talbiet tal-appellanti

— tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' April 2011 fil-Kawża T-466/08 u d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tad-29 ta' Lulju 2008 fil-Każ R 1796/2007-1.

— tikkundanna lill-UASI u lill-intervenjenti għall-ispejjeż sostnuti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, quddiem il-Qorti Ġenerali u quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti ssostni li d-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata peress li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 43(2) u (3) tar-Regolament dwar it-trade marks u wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li fil-kawża ineżami l-perijodu ta' ħames snin wara r-reġistrazzjoni li fih għandu jitwestaq użu ġenwin mit-trade mark preċedenti Ġermaniża FOCUS li fuqha hija bbażata l-oppożizzjoni kontra r-reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja għal ACNO FOCUS beda jiddekorri biss mit-13 ta' Jannar 2004.